**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 37/14(23_10_14).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 23 t'Ottubru 2014, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier daħal għal-laqgħa fis-6.00 ta' filgħaxija.

Assenti kien hemm is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier u s-Sur Paul Parnis - Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-16 t'Ottubru 2014.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Offerti għal xogħlijiet fil-Munxar u Ix-Xlendi.
6. Proġett - Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar.
7. Il-Munxar Day 2014.
8. Attivitajiet Milied 2014.
9. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
10. Rapport tas-Sindku.
11. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
12. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
13. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Uffiċċju tal-Anzjani, Dipartiment tal-*Customer Services*, Sezzjoni għall-Anzjani u Bżonnijiet Speċjali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward 'Kors tal-Università tat-tielet età f'Għawdex 2014-2015'.

2.02 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali Ċirkulari AKL Ċirk 63/2014 - 'Laqgħa Plenarja fis-17 u 18 ta' Ottubru 2014 fil-lukanda Dolmen Resort, Il-Qawra - Minuti', fejn qed jitwasslu l-Minuti tal-aħħar Laqgħa Plenarja għall-Kunsillieri li saret fis-7 ta' Diċembru 2013.

2.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* u *leaflet* mibgħuta mid-Direttur (Kultura) fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali dwar il-Europe for Festivals, Festivals for Europe (EFFE).

2.04 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AGL Ċirk 65/2014 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward 'Proġett SEEMORE – Seminar dwar Mobilità Sostenibbli u t-Turiżmu', fil-11 ta' Novembru 2014, fil-lukanda Palace, Tas-Sliema.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva risposta mingħand Heritage Malta dwar dik it-talba li saret sabiex *artefacts* arkeoloġiċi misjuba fix-Xlendi jitqiegħdu għall-wiri fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi. Ġejna infurmati li dawn l-*artefacts* qegħdin għall-wiri b'mod permanenti fil-Mużew tal-Arkeoloġija fiċ-Cittadella t'Għawdex.

3.02 Il-Kunsill irċieva informazzjoni dwar l-applikazzjoni PC0020/14 proposta biex tiġi emendata l-kantuniera ta' Triq il-Ġostra ma' Triq ir-Rabat. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

3.03 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq informazzjoni dwar applikazzjoni għal permess ta' żvilupp PA3223/14 - Rosie Grech, Churchill Restaurant, Bajja tax-Xlendi, Xlendi, Munxar, Gozo - *Proposed extension to existing restaurant class 4d*.
Ġie deċiż li l-Kunsill jibgħat dawn il-kummenti lill-MEPA:

- Il-proprjetà ta' terzi persuni tiġi salvagwardjata.
- Ix-xogħlijiet isiru b'lanqas ħsara possibbli u din il-ħsara terġa' titranġa.
- Għandu jsir studju ġeoloġiku dwar is-saħħa tal-blat u Triq San Xmun.
- Isir *Management Plan* tat-traffiku għal meta jkunu jsiru x-xogħlijiet.
- Il-MEPA trid tiżgura li l-proprjetà hija *owned* mill-applikant.

3.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Communication Coordinator tal-Parliamentary Secretariat for Rights of Persons with Disability and Active Aging dwar servizzi komunitarji ta' persuni anzjani bi sħab mal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill ġie mitlub li jekk hu interessat, biex jagħmel il-proposta tiegħu.

3.05 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Europe Direct sabiex ir-rappreżentanti tal-Kunsill jattendu għal-laqgħa fejn ser ningħataw pubblikazzjonijiet tal-EU u logħob sabiex jitpoġġew fil-librerija.

3.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun t'Għawdex dwar l-applikazzjoni tal-EU sabiex isiru tabelli u *billboards*. Il-Kunsill ma huwiex se jidħol ma' applikanti oħra peress li għalissa ma jistax jidħol f'*commitments* ta' finanzi aktar għax 80% ser ikunu EU-Funds u 85% ta' 20% *co-financed* iżda l-VAT trid titħallas mill-Kunsill.

3.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali dwar informazzjoni u l-preżentazzjoni HSBC Water Programme – Catch the Drop Campaign li saret waqt il-laqgħa plenarja tat-18 t'Ottubru 2014.

3.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Uffiċċju tal-Kabinett fejn qed jibagħtu r-rispons min-naħa tagħhom tal-punti dwar Il-Munxar u Ix-Xlendi li tqajmu fil-laqgħa tal-Kabinett li saret f'Għawdex.

3.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand sid ta' proprjetà fix-Xlendi. Huwa għandu l-proprjetà li l-faċċata għandha aċċess mill-passaġġ li jagħti għall-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi. Huwa qed jitlob lill-Kunsill sabiex jagħti isem lil dan il-passaġġ. Kien hemm qbil li ssir talba lill-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex.
.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 37/14(23_10_14).

**5.00 Offerti għal xogħlijiet fil-Munxar u Ix-Xlendi.**

5.01 Is-sejħiet għall-offerti li ġew ippubblikati fid-9 ta' Settembru 2014 fuq il-Gazzetta tal-Gvern u fl-10 ta' Settembru 2014 fuq il-Malta Independent ser jagħlqu fil-31 t'Ottubru 2014, fl-10 ta' filgħodu.

Il-Kumitat ta' Evalwazzjoni ser jiltaqa' dakinhar eżattament wara li jagħlqu l-offerti u se jiġu evalwati l-offerti mill-wieħed sal-ħamsa peress li dawn se jiġu ffinanzjati mill-EU u x-xogħol irid jitlesta sal-10 ta' Diċembru 2014.

Is-Sur Robert Mallia aċċetta li jkun fil-bord ta' aġġjudikazzjoni.

**6.00 Proġett – Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar**

6.01 Issa li l-proġett huwa lest il-Kunsill qed jistenna l-kontijiet mingħand il-perit. Il-Kunsill se jġib kwotazzjoni sabiex issir iz-zoklatura taħt il-balavostri.

**7.00 Il-Munxar Day 2014.**

7.01 Din is-sena Jum Il-Munxar ser jaħbat il-Ġimgħa, 12 ta' Diċembru 2014. Bħas-snin l-imgħoddija, il-Kunsill se jagħti Ġieħ Il-Munxar waqt serata li tittella' fiċ-Ċentru Parrokkjali dritt wara l-quddiesa tas-6 ta' filgħaxija. Il-Kunsill se joħroġ sejħa sabiex jilqa' nominazzjonijiet għal Ġieħ Il-Munxar.

**8.00 Attivitajiet Milied 2014.**

8.01 Ġie deċiż li l-Kunsill jorganizza ħarġa għall-anzjani fil-festa tal-Kunċizzjoni fit-8 ta' Diċembru 2014. F'din il-ħarġa ser inżuru s-Santwarju Ta' Pinu fejn nisimgħu l-quddies, inżuru l-Mużew ta' Karmni Grima u wara nieħdu kafè u pasta f'ristorant fejn ikun hemm *talk* dwar is-saħħa.

8.02 F'waħda mill-ġranet ta' bejn il-Milied u l-ewwel tas-sena, il-Kunsill se jorganizza ħarġa għal Malta għall-familja kollha. Il-ġurnata se tiġi deċiża wara li nikkonsultaw mal-Kappillan sabiex ma ssirx ma' xi attività minn tiegħu.

**9.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.**

9.01 Xogħlijiet li għadhom kemm saru f'dawn l-aħħar jiem kienu jikkonsistu fiż-żabra tal-palm tax-Xlendi u fit-tindif tal-*culverts* tal-Munxar.

**10.00 Rapport tas-Sindku.**

10.01 Is-Sindku attenda laqgħa bi preparazzjoni għall-visita tal-President ta' Malta f'Għawdex sabiex isir ġbir ta' fondi għall-Istrina. Ser tiġi Il-Munxar fil-21 ta' Diċembru 2014, fil-5 ta' filgħaxija. Fin-nofs siegħa li se tkun fostna, il-Kunsill u l-Parroċċa se jtellgħu attività u se jingħataw il-fondi lill-President ta' Malta.

10.02 Is-Sindku qed isegwi s-sitwazzjoni tal-indafa fil-Munxar u Ix-Xlendi peress li qed nirċievu diversi lmenti dwar il-knis ta' toroq.

10.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-perit tal-Kunsill kien se jiġi jara l-bankina li saret fi Triq il-Kantra u jiċċertifika li l-kulur ġie sew.
Is-Sindku attenda għal-laqgħa fil-Ministeru għal Għawdex dwar Jum id-*Diabetics* fejn ġejna mitluba li f'dik il-ġurnata nagħmlu *spotlights* bil-kulur *blue*.
Is-Sindku attenda għal-laqgħa dwar devoluzzjoni tal-lampi tat-toroq u laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Stefan Buontempo dwar is-sitwazzjoni tal-Kunsilli Lokali.
Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-avukat tal-Kunsill ingħata struzzjoni sabiex jikteb lill-Eagle Security Systems dwar apparat li twaħħal fil-Mitħna Sotterranja u li ma huwiex jaħdem sew.
Is-Sindku kiteb lill-Ministru għal Għawdex sabiex jgħin fir-restawr tal-istatwa ta' Sant' Indrija fix-Xlendi u qabel li jgħin.

**11.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

11.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjegazzjoni fid-dettall dwar is-sitwazzjoni finanzjarja fejn jirrigwardja proġetti kapitali li qed isiru mill-Kunsill fil-Munxar u mill-Kumitat fix-Xlendi. Dawn huma d-dettalji:

**EU - Projects**

| | |
|---|---|
| Proġett ta' Triq Żgħawri ser jammonta għal: | € 204,379.89 |
| Kontribuzzjoni mill-fondi tal-EU | -€ 173,203.29 |
| Ammont li ser jitħallas mill-fondi tal-Kunsill: | € 31,176.60 |
| | |
| Proġett Pjazza tal-Knisja (2nd Phase) ser jammonta għal: | € 64,546.00 |
| Kontribuzzjoni mill-fondi tal-EU: | -€ 43,760.00 |
| Kontribuzzjoni Co-Financing 85% of €10,940: | -€ 9,299.00 |
| Ammont li ser jitħallas mill-fondi tal-Kunsill: | € 11,487.00 |

**PPP Road Resurfacing**

| | | |
|---|---|---|
| Kuntrattur: | Triq ir-Rumani: | € 94,181.10 |
| | Triq il-Kavallieri: | € 58,572.83 |
| | Triq l-Andrijiet/Rinota: | € 93,375.88 |
| Perit John Saliba: | Triq ir-Rumani: | € 4,709.05 |
| | Triq il-Kavallieri: | € 2,928.64 |
| | Triq l-Andrijiet/Rinota: | € 4,668.79 |
| Solid Base Laboratory Ltd.: | | € 1,635.48 |
| Il-proġett ser jammonta għal: | | € 260,071.77 |
| Kontribuzzjoni mill-fondi tal-EU 75% tal-ispejjeż: | | -€195,053.83 |
| 25% tal-ispejjeż li jridu jitħallsu mill-fondi tal-Kunsill: | | € 65,017.94 |
| Services Approx. li jridu jitħallsu mill-fondi tal-Kunsill: | | €9,297.00 |
| Ammont li ser jitħallas mill-fondi tal-Kunsill: | | € 74,314.94 |

| | | |
|---|---|---|
| **Pjazza tal-Knisja** | **1st Phase** | |
| Kuntrattur: | Xogħlijiet: | € 88,351.00 |
| | Water Main Works: | € 7,301.00 |
| | Xogħlijiet: | € 23,001.00 |
| | Xogħlijiet: | € 14,036.00 |
| Periti: | Perit Clint Camilleri: | € 4,192.00 |
| | Perit Samuel Formosa: | € 2,124.00 |
| Il-proġett ser jammonta għal: | | € 139,005.00 |
| Kontribuzzjoni ECO-GOZO: | | -€ 66,500.00 |
| Kontribuzzjoni mid-DGL: | | -€ 20,000.00 |
| Ammont li jrid jitħallas mill-fondi tal-Kunsill: | | € 52,505.00 |

**UIF - Triq il-Kantra**

| | |
|---|---|
| Kuntrattur: | € 107,924.02 |
| Perit William Lewis: | € 5,469.98 |
| Il-proġett ser jammonta għal: | € 113,394.00 |
| Kontribuzzjoni MEPA | -€ 107,924.02 |
| Ammont li jrid jitħallas mill-fondi tal-Kunsill: | € 5,469.98 |

**PAYMENTS FROM COUNCIL'S BUDGET**

| | |
|---|---|
| Triq Żgħawri | € 31,176.60 |
| Pjazza tal-Knisja (2nd Phase) | € 11,487.00 |
| PPP | € 74,314.94 |
| Pjazza tal-Knisja (1st Phase) | € 52,505.00 |
| UIF | € 5,469.98 |
| | € 174,953.52 |

**12.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

12.01 Is-Sur Ryan Debrincat issuġġerixxa li titwaħħal tabella fil-bokka tal-wied tax-Xlendi, taħt il-Knisja tax-Xlendi sabiex tavża li fil-maltemp ma jsirx *parking* hemm għax jgħaddi ħafna ilma.
Huwa ssuġġerixxa wkoll li sinjal abjad li hemm fi Triq ir-Rabat viċin il-bankina jitneħħa sabiex ikun jista' jsir il-*parking* tal-karozzi.

Is-Sur Ryan Debrincat talab lill-Kunsill sabiex jerġa' jwaħħal tabella *no entry* fil-Wied tax-Xlendi minħabba li dik li kien hemm inqalgħet.
Huwa fakkar dwar dik it-tabella *slow* li taħdem bil-PV. Ġie deċiż li ssir fi Triq San Pawl. Huwa ġie infurmat li qed nistennew stima.

12.02 Is-Sur Robert Mallia fakkar dwar il-*bus shelter* li għandu jsir fil-*bus stop* ta' quddiem l-entratura ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina u dwar it-tabella *cul-de-sac* li kellha ssir fid-daħla ta' Trejqet Tal-Ponta.

12.03 Is-Sinjura Carmen Said talbet lill-Kunsill sabiex bħalma ġara kull xitwa, il-bankijiet ta' fuq il-bankina ta' Triq ir-Rabat jinqalgħu minħabba l-ilma tal-wied.
Hija ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar trinka fi Triq il-Munxar li ma ġietx asfaltata u dwar il-*boundary wall* ta' madwar l-ex-Andar Hotel.

**13.00 Materji oħra.**

13.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li rċieva talba sabiex isir *double yellow line* tul metru ma' ġenb *garage* fi Triq il-Ġostra, Ix-Xlendi. Kien hemm qbil dwar dan.

13.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li d-*Day Centre* jixtiequ jagħmlu l-ħarġa bit-*train* minflok bil-*coach* bħas-soltu. Il-Kunsill ser iħallas għat-trasport l-istess ammont li jitħallas kull ġimgħa, jiġifieri, €50.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 26 ta' Novembru 2014, fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Joseph Sultana** | **Anthony Grech** |
| ***Sindku.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |